**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**17 ta' Lulju, 2022**

# VAGANZI U VOKAZZJONI

Il-jiem sbieħ tas-sajf huma mument ta' mistrieħ mistħoqq għal ħafna. Kulħadd jipprova jsib dawk il-mumenti biex jiddeverti u jkun mal-oħrajn. Nistennew is-sajf biex nistrieħu u mmorru f'postijiet fil-qrib jew fil-bogħod. Fil-ħajja tal-qaddisin insibu li żmien il-vaganzi xi darba serva biex huma għamlu qabża ta' kwalità fil-ħajja. Nieħdu l-eżempju ta' Madre Tereża ta' Kalkutta. Din ġietha vokazzjoni ġo vokazzjoni propju meta kienet fil-vaganzi tagħha sejra għal irtir bit-tren. Madre Tereża tgħid li ħasset lil Ġesù jsejħilha għal vokazzjoni li taħdem mal-iktar nies fqar. Diġà kienet soru taħdem fil-qasam tal-Edukazzjoni ġewwa l-Indja. Fil-vaganzi ħasset il-Mulej isejħilha għal xi ħaġa iktar.



Min jaf jekk f'dawn il-vaganzi l-Mulej hux qiegħed jgħinek taħseb fuq xi ħaġa iktar għal ħajtek? Nafu żgur li min jagħmel il-volontà t'Alla, ikun bniedem ferħan. Biex twieġeb għas-sejħa ta' Alla, trid tieħu deċiżjoni soda. Hawn min ma jweġibx għas-sejħa għax jibża' jew jaħseb li ma jistax ikun li Ġesù qiegħed isejjaħ lilu. Irridu nafdaw f'Ġesù li jsejjaħ l-istess bħalma sejjaħ lill-Appostli.

Aħna diġà saritilna sejħa fundamentali li tefgħetna fix-xirka tal-Kristjani. Din is-sejħa hija dik li saritilna meta tgħammidna. Imma mbagħad bil-mod li mod Alla jibqa' jsejħilna u jinqeda b'ħafna affarijiet biex isejħilna: l-ambjent tal-familja jista' jgħin ħafna; xi drabi jkun hemm persuni li jippreżentawlna viżjoni matura u vera ta' x'inhi l-Knisja.

Int li qiegħed taqra: Kristu jsejjaħlek kuljum. Le mhux bilfors biex issir saċerdot jew reliġjuż imma forsi jrid minnek li matul dawn il-vaganzi tħalli lill-Mulej ikellmek permezz tal-ħolqien, permezz tal-Bibbja, permezz ta' ċirkostanzi li l-Mulej se jippreżentalek propju f'dawn il-jiem ta' vaganzi.

Is-sajf jista' jkun żmien ta' telqa, telf ta' żmien u għażż. Is-sajf jista' jkun irtir fil-kalma, tfittxija u ta' laqgħa mal-Mulej.

Nifirħu ma' Dun Gabriel li huwa mill-parroċċa ta' San Ġużepp tal-Qala, li ftit jiem oħra se jkollu l-Prima Messa, propju nhar is-Sibt 30 ta' Lulju, fis-6:30pm fil-knisja ta' San Ġużepp.

***L-Arċipriet***

**AVVIŻI:**

**LAQGĦA TA' TALB FUQ L-ISPIRITWALITÀ TA' DUN MIKIEL ATTARD:** nhar l-Erbgħa 20 ta' Lulju fis-6:15pm fil-Knisja Bażilika. Fiha Mons. Eddie Zammit, Kanċellier tal-Kurja, ser jaqsam magħna l-konoxxenza tiegħu ta' Dun Mikiel Attard. Kulħadd huwa mistieden. Din tkun imxandra wkoll diretta fuq *Mnarjalive*.

**IL-KUMITAT TAL-BANDA:** ser jorganizza tombla kbira quddiem il-Każin tal-Banda, nhar l-Erbgħa 20 ta' Lulju fit-8:00pm. Trasport provdut minn kullimkien.

**FLIEXKEN TAL-KAFÈ:** qed jinġabru dawk vojta kbar tal-200g fl-Uffiċċju Parrokkjali. Il-bejgħ tagħhom huwa għall-missjoni. Grazzi.

**L-GĦAQDA ARMAR DIĊEMBRU 13:** se torganizza BBQ nhar l-Erbgħa 27 ta' Lulju fit-8:00pm fil-bajja ta' Daħlet Qorrot. Il-biljetti jinkisbu mingħand il-membri tal-kumitat jew ċemplu lil Andrew Muscat fuq 99101957.

**ENGLISH CORNER**

R. **Alleluia, alleluia.**
Blessed are they who have kept the word with a generous heart and yield a harvest through perseverance.
R. **Alleluia, alleluia.**

This week we celebrate the feast of St George in Victoria. Viva San Ġorġ!

**ROKNA EKOLOĠIKA: Responsabilità kollettiva**
Meta niddeċiedu x'azzjoni fl-ambjent, ma nistgħux ninsew il-ġid komuni. Il-Papa Franġisku jfakkarna li "This is especially the case when a project may lead to a greater use of natural resources, higher levels of emission or discharge, an increase of refuse, or significant changes to the landscape".

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am